**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Novembru, 2021**

**Avviz Numru: 40/2021 MLF**

**Joseph Bonello**

**vs**

**Bryden Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attur sabiex il-konvenut jigi ikkundannat ihallsu l-ammont ta' erbatax-il elf sitt mija u tlieta u hamsin euro (€14,653) rapprezentanti hlas imhallas lilu zejjed mill-attur ghal xoghol li baqa m'ghamilx liema ammont baqa ma thallasx minkejja li gie interpellat diversi drabi mill-attur.

Illi dan kollu jirrizulta mid-dokumenti annessi mar-rikors promotur u cioe:

| | |
|---|---|
| Dok 1 | Ittra Ufficjali datata 6 ta' Marzu 2020 |
| Dok 2, 3 u 4 | Rapporti Peritali tal-AIC Joseph Formosa |
| Dok 5 – | Ittra Ufficjali ai termini tal-Art 166A datata 3 ta' Gunju 2020 |
| Dok 6a – n | Kopja tac-cheques mahruga mir-rikorrent lill-intimat |
| Dok 7 | Rati mifthema u applikati |
| Dok 8 | Affidavit tal-intimat [recte rikorrent] |

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali (Dok '1' u '5') mibghuta lill-konvenut nhar is-6 ta' Marzu 2020 u nhar it-3 ta' Gunju 2020 rispettivament.

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas li jipprezenta risposta u li jidher fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2021

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat li fl-istess seduta tal-1 ta' Novembru 2021, Dr Matthew Bondin ghall-attur iddikjara li l-attur diga prezenta l-provi tieghu kollha mar-rikors promotur u ghaldaqstant iddikjara li m'ghandux aktar provi, u talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza

Ikkunsidrat li mill-provi prodotti mar-rikors promotur, it-talba tal-attur tirrizulta ippruvata skond il-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' erbatax-il elf sitt mija u tlieta u hamsin euro (€14,653)

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali mibghuta lill-konvenut nhar is-6 ta' Marzu 2020 u nhar it-3 ta' Gunju 2020 rispettivament, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**